**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 31 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**-vs-**

**Zaynitdin Abdusalamov, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 42924A**

***Kumpilazzjoni Nru. 626/2016***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Zaynitdin Abdusalamov u ċioè talli:

1. Fit-8 ta' Marzu 2013, għall-ħabta ta' bejn id-21:30hrs u 23:45hrs minn ġewwa appartament bin-numru 5, fil-blokka bl-isem ta' Spinola Bay Appartments, bin-numru 75, li jinsab fi Triq Gorg Borg Olivier, San Ġiljan, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u apparat elettroniku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bl-ammont li jeċċedi l-elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin euro ċenteżmu (€2,329.37), bil-lok u bil-ħin u dan għad-detriment ta' Nick Carl Maximilian Ebenhoh u/jew persuna jew persuni oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hemm kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra mili tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-4 t'Ottubru, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
b) Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 263(a), 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278, 279(b) u 280 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi l-**Ispettur Fabian Fleri** xehed kif kien sar rapport[2] mid-derubat Nick Carl Maximilian Ebenoh li kien safa derubat. Ebenoh induna bis-serqa nhar it-8 ta' Marzu, 2013 meta rritorna d-dar wara l-11pm.; kien halla r-residenza tieghu madwar id 9.40pm. Kif mar lura f'daru sab il-bieb ta' barra sgassat u rrizulta li nsterqulu zewg laptops, ipad, gojjelerija u xi oggetti ohra. F'Novembru, 2016, l-imputat safa arrestat fuq reati simili f'Ghawdex u bhala procedura ittiehdulu l-impronti digitali li sussegwentement rrizulta *positive match* ma impronti misjuba fuq ix-xena tad-delitt mertu ta' dawn il-proceduri. Interrogat hu nnega l-involviment tieghu minkejja li gie nfurmat li fuq gewwa tal-apartament fejn sehhet is-serqa instabu l-impronti digitali tieghu. Gie muri l-post minn fejn saret is-serqa fejn stqarr li dawk l-impronti instabu peress li forsi mar jara xi flats ghall-kiri. Investigazzjonijiet tal-Pulizija izda zvelaw kif il-flat derubat qatt ma kien inkera sa mill-2011, sentejn qabel ma sehhet is-serqa, peress li

[1] Fol.212
[2] **Dok. FF** a fol. 14

Ebenoh kien diga' qed jirresjdedi fih.[3] L-imputat baqa ma offra l-ebda spjegazzjoni kif l-impronti digitali tieghu nstabu gewwa l-apartament.[4]

Fl-istqarrija tieghu qal li kien jghix wara l-Pizza Hut, f'San Giljan.[5] Mistqosi jekk qatt dahal f'dawk il-flats jghid *"meta kelli l-intenzjoni li nikri l-post, jista jkun dhalt fil-bini….Kien tlett snin ilu"*[6] izda **ma ftakarx jekk kienx dahal fil-blokka tal-flat derubat** *"Ma nafx, ma niftakarx….jien ma niftakarx qed nitkellem in generali…..Jien ma nafx bis-serjeta` ma nafx…ma nafx bis-serjeta`…jekk jiena qatt dhalt hemm gew, kif kif, kif, le ma nafx. Kien tlett snin ilu…jekk jien ma sraqtx, ghalfejn ghandhi, ghalfejn hemm l-impornti digitali tieghi hemmhekk ma nafx"*[7] L-istqarrija tieghu hi xhieda tad-diffikulta kbira li sab ruhu fiha biex jispjega kif l-impronti digitali tieghu spiccaw fil-fond u jikkonferma li xoghlijiet qatt ma ghamel f'dik il-blokka.[8]

Gie esebit process verbal minn fejn jirrizulta li l-valur tal-oggetti misruqa kien dak ta' €8,370.00.[9] Mir-ritratti mehuda minn **PS46 C. Casha** jirrizulta li nstabu mpronti digitali f'zewg postijiet fuq in-naha ta' gewwa tal-bieb tal-apartament.[10] Gew elevati diversi lifters minn **PS404 Paul Camilleri**.[11]

Jidher bic-cjar mill-istess ritratti li dawn saru billi persuna fuq in-naha ta' barra, meta kienet ghada fuq barra, dahlet idha mal-bieb f'diversi postijiet. Ma hemm ebda raguni ghaliex persuna kellha taqbad il-bieb minn dik il-parti fejn instabu l-impronti ghaliex barra il-bieb kellu handle. Aktar jaghmel sens li dawn spiccaw f'dak il-post fil-kors li kien qed jigi sgassat il-bieb tal-apartament!!

Illi l-espert **Joseph Mallia** xehed li wara li ghamel ezami komparattiv tal-impronti digitali u l-marki tal-idejn tal-imputat mal-lifters li ttiehdu mix-xena tad-delitt jghid dan: *"Ghandi nghid li 301/13ASR301 li huwa lifter li fih sekwenza ta' erba' mpronti digitali gew imqabblin posittivament mall-marki tas-saba' z-zghir, is-saba' tac-curkett, is-saba' tan-nofs u s-saba' tal-werrej tal-id ix-*

---

[3] Fol.12
[4] Fol.13. Vide Stqarrija **Dok. YB** a fol. 26 et seq.
[5] Fol.28
[6] Fol.29
[7] Fol.30-31
[8] Fol.32
[9] Fol.67
[10] Fol.91 u 92. Vide relazzjoni a fol.81
[11] Fol.105 et seq.

*xellugija tal-imputat. Ghad-dokument 302 kien hemm ukoll erba' mpronti digitali. L-ewwel impronta kienet taqbel posittivament mall-marka tas-saba' tan-nofs tal-id il-leminija tal-istess imputat. … Id-dokument 303 ghandi nghid li kien hemm tliet impronti digitali, l-ewwel u t-tieni impronta ma kinux tajbin ghal fini ta' komparazzjoni, t-tielet impronta qablet posittivament ma' parti mill-marka tal-pala tal-id il-leminija tal-istess imputat."*[12]

Illi l-imputat **Abdulsalamov Zaynitdin** ghazel li jixhed u spjega li fiz-zmien is-serqa hu kien jahdem l-Avenue Restaurant mill-11am sas-2.30pm u mill-5pm sa 11.30pm.[13] Jidhirlu li dakinhar tas-serqa kien xoghol izda mhux cert. Jispjega li fiz-zmien meta grat is-serqa kien joqghod il-Gzira izda qabel kien joqghod fi Triq Lapsi, San Giljan, *"Il-flat tal-Gzira ma tantx kien tajjeb. Jien tlaqt mill-Gzira f'xi April jew Mejju 2013. …Kont ghadni l-Gzira f'Marzu 2013."*[14] Mistoqsi mill-abbli difensur kif l-impronti digitali tieghu nstabu fuq il-koxxa tal-bieb tal-apartament derubat jghid li hu u jkun miexi lura lejn id-dar minn San Giljan gieli habbat ma xi bibien biex isib fejn jikri f'San Giljan stess. Mitlub jghid kemm il-darba mar gewwa l-blokka fejn kien hemm sitwat l-appartament derubat jirrispondi *"Darba jew Darbtjen"*[15] minghajr ma jaghti ebda dettal iehor jew jikkonferma li dahal fl-apartament mikri lil Ebenoh!

In kontro-ezami jsib diffikulta` kbira jispjega kif l-impronta ma nstabitx mal-bieb ta' barra tal-kommun tal-blokka, li jghid li dahal fiha, izda fuq naha ta' gewwa ta apartament li kien ilu mikri lill-istess persuna sa mill-2011 u li ma kienx ghall-kiri tant li jasal biex jghid ***"dan il-flat partikolari ma nistax niftakru.*** *L'iktar li jista' jkun hu li nkun habbat u fetahli xi hadd u sa dan it-tant forsi jkun dahhalni sakemm itini n-numru tat-telephone tas-sid lil min nista' nikkuntattja. Hemmhekk hemm hafna flats u jista' jkun xi hadd ikun dahhalni biex itini n-numru ta' xi hadd lil min nista' nikkuntattja."*[16] Mitlub jispjega ghaliex fl-istqarrija qatt ma semma li kien dahal fil-fond qal li dakinhar kien mifxul kif gie akkuzat bis-serqa *"Kien ilu erba' snin issa dak l-incident u mhux ha niftakar dettall hekk."*.[17] Madanakollu irnexxielu jiftakar dan id-dettal meta issa kienet ghaddiet sena ohra fuq dik l-istqarrija![18]

---

[12] Fol.121
[13] Fol.214
[14] Fol.215-216
[15] Fol.216
[16] Fol.217
[17] Fol.218
[18] Data tal-istqarrija 26 ta' Novembru, 2016 u l-imputat xehed fid-9 t'Ottubru, 2017

**Il-Qorti tosserva li kieku ghall-grazzja tal-argument inzerta dahal fl-apartament li gie misruq sakemm stenna lill-okkupant jaghtih numru ta' telephone tas-sid li baqa ma giex identifikat, aktar u aktar ma jaghmilx sens li kellhom jinstabu dawk l-impronti kollha, bil-mod kif instabu u cioe` il-posizzjoni taghhom li tindika li ddahhlet id u qabdet il-bieb f'diversi postijiet vertikalment waqt li l-pala tal-id kienet milwija!**

Ghalkemm l-imputat ressaq bhala xhieda s-sidien tal-Avenue Restaurant, **James Mangion** ma offra ebda korroborazzjoni dwar jekk fid-data tas-serqa l-imputat kienx xoghol fir-restaurant u sa xhin. Fil-fatt lanqas iz-zmien meta dan kien impjegat maghhom ma seta jiddetermina ghax *"ftit gimghat dam maghna"*.[19] Is-sid l-iehor, **Charles Mangion**, kkonferma li l-imputat ghamel xi zmien jahdem fl-istabbiliment taghhom bhala dishwasher, fejn il-hinijiet ta' xoghol kienu jkunu sal-11.30pm-12am, ma setghax jikkonferma meta l-imputat kien hekk impjegat.[20]

Illi l-Qorti ma tqis li l-imputat kien veritjier fix-xhieda tieghu. Ma offra ebda spjegazzjoni plawzibbli ghal raguni li kellhom jinstabu marki tieghu fuq tlett postijiet differenti fuq bieb ta' fond fejn <u>ma ngiebet lanqas l-icken prova li l-imputat xi zmien l**egitimament** kien dahal gol-apartament derubat jew imqarr fil-blokka</u>. Ma jistax ma jigix innutat ukoll l-isforz li dan jaghmel sabiex jikkonvinci lil Qorti li fiz-zmien meta sehh ir-reat hu kien jirrisjedi l-Gzira, mill-liema fond jghid li telaq xahar jew xahrejn wara izda li qabel ma mar joqghod il-Gzira kien jirrisjedi fi Triq Lapsi, San Giljan *"Jien tlaqt mill-Gzira f'xi April jew Mejju 2013. …Kont ghadni l-Gzira f'Marzu 2013"*[21]. Lanqas dwar dan il-fatt ma kien semma' xejn lill-ispettur fl-interrogazzjoni tieghu izda semma biss li kien jirrisjedi fi triq li tigi wara l-Pizza Hut, u cioe` precizament Triq Lapsi!

Jibqa' l-fatt li anke dwar fejn kien jirrisjedi fiz-zmien tas-serqa jonqos milli jikkorobora dan il-fatt meta seta' jaghmlu facilment billi jipproduci bhala xhud is-sidien kemm tal-Gzira kif ukoll tal-fond f'San Giljan! Mhemmx dubbju li l-isforzi tieghu saru sabiex tinghata kreddibilita` l-verzjoni tieghu li hu w jirritorna lejn daru gieli ra apartamenti u dahal jistqasi dwar jekk kienux ghall-kiri. Issa tali spjegazzjoni ma setghetx isir kemm il-darba

[19] Fol.226
[20] Fol.237-238
[21] Fol.216

l-imputat kien qed jirrisjedi fi Triq Lapsi li hi ftit boghod mill-Avenue Restaurant u qabel ma tasal ghal Triq Gorg Borg Olivier li hi fuq ix-Xatt! Ghalhekk konvenjentement jghid li f'Marzu, 2013 ma baqax jirrisjedi fi Triq Lapsi izda mar il-Gzira

Illi l-Qorti tqis li l-verzjoni tal-imputat bl-ebda mod ma giet pruvata sal-grad tal-probabbli, l-livell ta' prova mistenni mill-imputat sabiex ixxejjen il-kaz tal-prosekuzzjoni. Tassew ma joffri ebda spjegazzjoni kreddibli w li ghandha mis-sewwa ghaliex instabu diversi impronti tieghu fuq in-naha ta' gewwa ta' bieb li gie sgassat!! L-imputat sahansitra jonqos milli jikkonferma b'mod definit li fil-fatt dahal fl- f'appartament li safa derubat – fix-xhieda tieghu jibqa' incert anke li dahal fl-apartament partikulari *"Le ma niftakarx, dan il-flat partikolari ma nistax niftakru"*[22].

Issir riferenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb** tal-Qorti tal-Appell Kriminali:[23]

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."[24] ......

---

[22] Fol.217

[23] Deciza fil-31.08.2016 mill-Onor. Imhallef Dr Joseph Galea Debono; App. Krim. Nru. 108/2006

[24] Dik is-sentenza kienet kompliet:

**Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" **[7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta'** ***"matching points"*** **jew** ***"points of comparison"*** **li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbaghtax (14) il-** ***"point of comparison"*** .BLACKSTONES **- "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-**

**"Properly presented** ***fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,*** **in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek**

Kif anke ddikjarat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Josef Buttigieg** meta qiset il-valur probatorju ta' impronti digitali:[25]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[26] tinstab rassenja ta' gurisprudenza dwar impronti digitali:

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju, 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

---

**at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**

**See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robberyconviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**

***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....."***

***He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

**Fil-fatt It-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il-kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta'** *"14 points of comparison"* **li skond l-esperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.**

[25] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli; Deciza 18.10.2017. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Kenneth Ellul,** Deciza 9 ta' Mejju, 2016 mill-istess Qorti kif preseduta.

[26] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta' Mejju 2016

*"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

*Fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal- Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.*

*Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:*
"f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:
*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification"*.
F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[27]**.** F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[28] fejn inghad

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk:
*"Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat."*

Illi fuq dan l-insenjament u mir-rizultanzi processwali fejn tispikka l-verzjoni xejn kredibbli tal-imputat, verzjoni li kif inghad hi nieqsa ghal kollox minn provi korroborattivi, iwasslu lill-Qorti ssib l-imputazzjoni

[27] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju 2013
[28] Deciza 7 ta' Marzu 2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali

migjuba mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qieghed jinstab hati dwaru l-imputat, il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li nstab hati ta' reati ta' natura simili w tac-cirkostanzi tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(b),(c),(e),(f), 263(a), 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanah ghall-piena ta' tlett snin u nofs (42 xahar) prigunerija.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,532.63 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment tirrikmanda li jittiehdu dawk il-mizuri kollha spettanti lill-Ufficjal Principali Ghall-Immigrazzjoni ai termini tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-hati jitnehha minn dawn il-Gzejjer galadarba ikun skonta s-sentenza imposta fuqu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**